# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1401

## tat-12 ta' Awwissu 2022

## li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1698 fir-rigward tal-istandards Ewropej għal ċerti oġġetti tal-kura tat-tfal, għamara tat-tfal, tagħmir tal-ġinnastika, lighters u tagħmir tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva Nru 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti ([1]), u b'mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tagħha,

Billi:

(1) Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2001/95/KE prodott għandu jitqies bħala sikur sa fejn u sakemm jirrigwarda r-riskji u l-kategoriji tar-riskji koperti bl-istandards nazzjonali rilevanti, meta jkun konformi mal-istandards nazzjonali volontarji li jittrasponu l-istandards Ewropej, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati mill-Kummissjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, skont l-Artikolu 4 ta' din id-Direttiva.

(2) Permezz tal-ittra M/264 tas-16 ta' Diċembru 1997, il-Kummissjoni għamlet talba lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (European Committee for Standardisation, "CEN") biex iħejji standards Ewropej relatati mas-sikurezza tal-oġġetti għall-indukrar tat-tfal (it-"talba M/264").

(3) Abbażi ta' dik it-talba, is-CEN adotta l-istandard EN 716-1:2017 "Għamara - Sodod tat-tfal u sodod tat-tfal li jintlwew għall-użu domestiku - Parti 1: Rekwiżiti tas-sigurtà" u, barra minn hekk, standard konsolidat EN 716-1:2017+AC:2019, biex jinkludi r-rettifika AC:2019. L-istandard konsolidat EN 716-1:2017+AC:2019 jikkonforma mar-rekwiżit tas-sigurtà ġenerali stabbilit fid-Direttiva 2001/95/KE. Ir-referenzi tal-istandard EN 716-1:2017+AC:2019 għalhekk jenħtieġ li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

(4) Fis-27 ta' Lulju 2011, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2011/479/UE ([2]) dwar ir-rekwiżiti ta' sikurezza li għandhom jintlaħqu mill-istandards Ewropej għal tagħmir tal-ġinnastika.

(5) Permezz tal-ittra M/507 tal-5 ta' Settembru 2012, il-Kummissjoni għamlet talba lis-CEN biex iħejji standards Ewropej dwar it-tagħmir tal-ġinnastika. Abbażi ta' dik it-talba, is-CEN adotta l-istandard EN 914:2008 "Tagħmir tal-ġinnastika — Żbarri paralleli u kombinazzjoni ta' żbarri asimetriċi/paralleli — Rekwiżiti u metodi ta' ttestjar inkluża sigurtà", li r-referenzi tiegħu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]).

(6) Filwaqt li ħa kont tal-għarfien il-ġdid u l-iżvilupp tas-suq, is-CEN abbozza l-istandard il-ġdid EN 914:2020 li jikkonforma mar-rekwiżit ta' sikurezza ġenerali stabbilit fid-Direttiva 2001/95/KE. Ir-referenza tiegħu għalhekk jenħtieġ li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u tissostitwixxi r-referenza tal-istandard EN 914:2008.

([1]) ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/479/UE tas-27 ta' Lulju 2011 dwar ir-rekwiżiti ta' sikurezza li għandhom jintlaħqu mill-istandards Ewropej għal tagħmir tal-ġinnastika skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 197, 29.7.2011, p. 13).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1698 tad-9 ta' Ottubru 2019 dwar standards Ewropej għall-prodotti abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠU L 259, 10.10.2019, p. 65).

(7) Fit-2 ta' Lulju 2010, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2010/376/UE ([4]) dwar ir-rekwiżiti ta' sikurezza li għandhom jiġu sodisfatti mill-istandards Ewropej għal ċerti prodotti fl-ambjent tal-irqad għat-tfal.

(8) Permezz tal-ittra M/497 tal-20 ta' Ottubru 2011, il-Kummissjoni għamlet talba lis-CEN biex iħejji standards Ewropej dwar is-sikurezza ta' oġġetti għall-kura tat-tfal, raggruppament 2 - riskji fl-ambjent tal-irqad. Abbażi ta' dik it-talba, is-CEN adotta l-istandard EN 1130-1:1996 "Għamara — Bennieni u sodod għal użu domestiku — Parti 1: Rekwiżiti ta' sigurtà" u EN 1130-2:1996 "Għamara — Bennieni u sodod għal użu domestiku — Parti 2: Metodi ta' ttestjar". Ir-referenzi ta' dawk l-istandards ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([5]).

(9) Filwaqt li ħa kont tal-għarfien il-ġdid u l-iżvilupp tas-suq, is-CEN adotta l-istandard il-ġdid EN 1130:2019 "Għamara tat-tfal - Bennieni - Rekwiżiti ta' sigurtà u metodi ta' ttestjar" li jikkonforma mar-rekwiżit ta' sigurtà ġenerali stabbilit fid-Direttiva 2001/95/KE. Ir-referenza tal-istandard EN 1130:2019 għalhekk jenħtieġ li tissostitwixxi r-referenzi għall-istandards EN 1130-1:1996 u EN 1130-2:1996.

(10) Imbagħad is-CEN abbozza r-rettifika EN 1130:2019/AC:2020 biex jikkoreġi l-abbrevjazzjoni kimika għall-Manganiż. Għalhekk, sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta ta' EN 1130:2019, huwa xieraq li r-referenza għar-rettifika EN 1130:2019/AC:2020 tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* flimkien ma' EN 1130:2019.

(11) Fis-7 ta' Marzu 2013, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2013/121/UE ([6]) dwar ir-rekwiżiti ta' sikurezza li għandhom jiġu ssodisfati mill-istandards Ewropej għal ċerti sits għat-tfal.

(12) Fit-22 ta' Lulju 2014, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C (2014) 5058 final ([7]) dwar talba ta' standardizzazzjoni lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex jabbozzaw standards Ewropej għal ċerti sits għat-tfal (it-"talba M/527").

(13) Abbażi ta' dik it-talba, is-CEN adotta l-istandard EN 1272:2017 "Oġġetti għall-kura tat-tfal - siġġijiet immuntati fuq il-mejda - Rekwiżiti ta' sigurtà u metodi ta' ttestjar" li jikkonforma mar-rekwiżit ta' sigurtà ġenerali stabbilit fid-Direttiva 2001/95/KE. Ir-referenza tal-istandard EN 1272:2017 għalhekk jenħtieġ li tiġi ppublikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

(14) Abbażi tat-talba M/264, is-CEN adotta l-istandard EN 1400:2013+A2:2018 "Oġġetti għall-użu u kura tat-tfal - Gażaġi għat-trabi u t-tfal iż-żgħar - Rekwiżiti ta' sigurtà u metodi ta' ttestjar" li jikkonforma mar-rekwiżit ta' sigurtà ġenerali stabbilit fid-Direttiva 2001/95/KE. Ir-referenza tal-istandard EN 1400:2013+A2:2018 għalhekk jenħtieġ li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(15) Abbażi tat-talba M/264, is-CEN abbozza r-rettifika EN 1466:2014/AC:2015 "Oġġetti għall-użu u kura tat-tfal - kerrikots u stands - Rekwiżiti ta' sigurtà u metodi ta' ttestjar" għal EN 1466:2014. Ir-referenza tal-istandard EN 1466:2014 ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([8]). Fid-dawl tal-fatt li r-rettifika EN 1466:2014/AC:2015 tinkludi korrezzjonijiet tekniċi, u sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta u konsistenti tal-EN 1466:2014, huwa xieraq li r-referenza tar-rettifika EN 1466:2014/AC:2015 tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* flimkien ma' EN 1466:2014 li ġiet ippubblikata qabel.

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/376/UE tat-2 ta' Lulju 2010 dwar ir-rekwiżiti ta' sikurezza li għandhom jiġu ssodisfati mill-istandards Ewropej għal ċerti prodotti fl-ambjent tal-irqad għat-tfal skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 170, 6.7.2010, p. 39).

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1698.

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/121/UE tas-7 ta' Marzu 2013 dwar ir-rekwiżiti tas-sikurezza li għandhom jiġu sodisfati mill-istandards Ewropej dwar ċerti sits għat-tfal skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti (ĠU L 65, 8.3.2013, p. 23).

([7]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2014) 5058 tat-22 ta' Lulju 2014 dwar talba ta' standardizzazzjoni lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex jabbozzaw standards Ewropej għal ċerti sits għat-tfal b'appoġġ għad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

([8]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1698.

(16) Permezz tal-ittra M/266 tas-16 ta' Diċembru 1997, il-Kummissjoni għamlet talba lis-CEN biex iħejji standards relatati mal-lighters għas-sikurezza tal-konsumaturi u t-tfal. Abbażi ta' dik it-talba, is-CEN adotta l-istandard EN ISO 9994:2006 "Lighters - Speċifikazzjoni tas-sigurtà (ISO 9994:2005)". Ir-referenza tal-istandard EN 9994:2006 ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([9]).

(17) Filwaqt li ħa kont tal-għarfien il-ġdid, is-CEN adotta l-istandard il-ġdid EN ISO 9994:2019 "Lighters - Speċifikazzjoni tas-sigurtà (ISO 9994:2018)" li jikkonforma mar-rekwiżit ta' sigurtà ġenerali stabbilit fid-Direttiva 2001/95/KE. Għalhekk, ir-referenza tal-istandard EN ISO 9994:2019 jenħtieġ li tissostitwixxi r-referenza tal-EN ISO 9994:2006.

(18) Abbażi tat-talba M/527, is-CEN adotta l-istandard EN 14988:2017+A1:2020 "Sits għolja tat-tfal - Rekwiżiti u metodi ta' ttestjar" li jikkonforma mar-rekwiżit ta' sikurezza ġenerali stabbilit fid-Direttiva 2001/95/KE. Ir-referenza tal-istandard EN 14988:2017+A1:2020 għalhekk jenħtieġ li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(19) Abbażi tat-talba M/527, is-CEN adotta l-istandard EN 16120:2012+A2:2016 "Oġġetti għall-użu u kura tat-tfal - sit immuntat mas-siġġu" li jikkonforma mar-rekwiżit ta' sigurtà ġenerali stabbilit fid-Direttiva 2001/95/KE. Ir-referenzi tal-istandard EN 16120:2012+A2:2016 għalhekk jenħtieġ li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(20) Fit-23 ta' Ġunju 2009, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2009/490/KE ([10]) dwar ir-rekwiżiti ta' sikurezza li għandhom jiġu ssodisfati mill-istandards Ewropej għal plejers personali tal-mużika.

(21) Permezz tal-ittra M/452 tat-28 ta' Settembru 2009, il-Kummissjoni għamlet talba lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (European Committee for Electrotechnical Standardization, "CENELEC") biex ifassal standards Ewropej għal plejers personali tal-mużika. Abbażi ta' din it-talba, is-CENELEC adotta l-istandard EN IEC 62368-1:2020 dwar "Awdjo/vidjo, tagħmir awdjo/video, teknoloġija tal-informatika u komunikazzjoni - Parti 1: Rekwiżiti ta' sigurtà" u, barra minn hekk, l-emenda EN IEC 62368-1:2020/A11:2020. L-EN IEC 62368-1:2020 qed jiġi propost bl-emenda A11:2020 tiegħu, li tikkonforma mar-rekwiżit tas-sigurtà ġenerali stabbilit fid-Direttiva 2001/95/KE. Ir-referenza tiegħu jenħtieġ li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* li tissostitwixxi r-referenzi EN 60065:2002 "Awdjo, video u apparat elettroniku simili - Rekwiżiti ta' sigurtà" u EN 60950-1:2006 "Tagħmir tat-teknoloġija tal-informazzjoni - Sigurtà - Parti 1: Rekwiżiti ġenerali". Madankollu, il-pubblikazzjoni ta' dawk ir-referenzi jenħtieġ li tkun limitata għall-klawżoli 3.3.19 "Espożizzjoni akustika" u 10.6 "Salvagwardja kontra sorsi ta' enerġija akustika", peress li l-għan tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/490/KE huwa limitat biex jiġi żgurat li l-espożizzjoni għall-ħsejjes minn plejers personali tal-mużika ma toħloqx riskju għas-smigħ.

(22) Ir-referenzi tal-istandards Ewropej adottati b'appoġġ għad-Direttiva 2001/95/KE huma ppubblikati bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1698. Biex jiġi żgurat li r-referenzi tal-istandards Ewropej abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2001/95/KE jiġu elenkati f'att wieħed, ir-referenzi rilevanti tal-istandards il-ġodda, l-emendi u l-korrezzjonijiet għall-istandards jenħtieġ li jiġu inklużi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1698.

(23) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1698 tiġi emendata skont dan.

(24) Il-konformità mal-istandard nazzjonali rilevanti li jittrasponi l-istandard Ewropew li r-referenzi tiegħu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tagħti preżunzjoni ta' sikurezza sa fejn huma relatati r-riskji u l-kategoriji ta' riskji koperti mill-istandard nazzjonali rilevanti, mid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza tal-istandard Ewropew f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għalhekk, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha,

(25) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2001/95/KE,

([9]) id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1698;

([10]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/490/KE tat-23 ta' Ġunju 2009 dwar ir-rekwiżiti ta' sikurezza li għandhom jiġu ssodisfati mill-istandards Ewropej għal plejers personali tal-mużika skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 161, 24.6.2009, p. 38).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1698 huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Awwissu 2022.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(1) tiddaħħal ir-ringiela li ġejja:

| | |
|---|---|
| "1a. | EN 716-1:2017+AC:2019<br>Għamara - Sodod tat-tfal u sodod tat-tfal li jingħalqu għall-użu domestiku - Parti 1: Rekwiżiti ta' sigurtà"; |

(2) ir-ringiela 3 hija sostitwita b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "3. | EN 914:2020<br>Tagħmir tal-ġinnastika - Żbarri paralleli u kombinazzjoni ta' żbarri asimetriċi/paralleli - Rekwiżiti u metodi ta' ttestjar inkluża sigurtà"; |

(3) ir-ringieli 11 u 12 huma sostitwiti b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "11. | EN 1130:2019<br>Għamara tat-tfal - Bennieni - Rekwiżiti ta' sigurtà u metodi ta' ttestjar<br>EN 1130:2019/AC:2020"; |

(4) tiddaħħal ir-ringiela li ġejja:

| | |
|---|---|
| "12 a. | EN 1272:2017<br>Oġġetti għall-kura tat-tfal - Siġġijiet li jeħlu mal-mejda - Rekwiżiti ta' sigurtà u metodi ta' ttestjar"; |

(5) tiddaħħal ir-ringiela li ġejja:

| | |
|---|---|
| "13 a. | EN 1400:2013+A2:2018<br>Oġġetti għall-użu u l-kura tat-tfal - Gażaġi għat-trabi u t-tfal iż-żgħar - Rekwiżiti ta' sigurtà u metodi ta' ttestjar"; |

(6) ir-ringiela 14 hija sostitwita b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "14. | EN 1466:2014<br>Artikli għall-kura tat-tfal - Kerrikots u stands - Rekwiżiti ta' sigurtà u metodi ta' ttestjar<br>EN 1466:2014/AC:2015"; |

(7) ir-ringiela 27 hija sostitwita b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "27. | EN OSI 9994:2019<br>Lighters - Specifikazzjoni ta' sigurtà (ISO 9994:2018)"; |

(8) jiddaħħlu r-ringieli li ġejjin:

| | |
|---|---|
| “48 a. | EN 14988:2017+A1:2020<br>Siġġijiet għolja għat-tfal - Rekwiżiti u metodi ta’ ttestjar |
| 48b. | EN 16120:2012+A2:2016<br>Oġġetti għall-użu u l-kura tat-tfal - sit immuntat mas-siġġu”; |

(9) ir-ringieli 66 u 67 huma sostitwiti b’dan li ġej:

| | |
|---|---|
| “66. | EN IEC 62368-1:2020<br>Tagħmir awdjo/video, teknoloġija tal-informatika u komunikazzjoni - Parti 1: Rekwiżiti ta’ sigurtà<br>EN IEC 62368-1:2020/A11:2020<br>*Avviż: din il-pubblikazzjoni tikkonċerna biss il-klawżoli 3.3.19 “Espożizzjoni akustika” u 10.6 “Salvagwardja kontra sorsi ta’ enerġija akustika” tal-EN IEC 62368–1: 2020/A11: 2020.”.* |